Kunsill Lokali — L-GĦASRI — Local Council

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri**

**Is-Seba' Leġislatura**

## Laqgħa Nru. 62

Il-Ħamis 25 ta' Jannar, 2018

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**62.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 62.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-61.

**62.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa numru 61 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**62.3.01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu qed jirċievi ħafna lmenti dwar nuqqas ta'ndafa fl-Għasri. Żewġ kunsilliera oħra ukoll ilmentaw dwar in-nuqqas ta' knis fir-raħal. Is-Segretarja Eżekuttiv spjegat kif hi titkellem mal-kuntrattur kważi kuljum dwar l-ilmenti li tirċievi. Is-Sindku talab sabiex il-kuntrattur jagħti skeda tal-ġranet kif qed jiġu mnaddfa t-toroq. Dawn għandhom ikunu skond il-kuntratt li għandu mal-Kunsill. Is-Segretarja Ezekuttiv għandha tibgħat ittra dwar din it-talba.

**62.3.02** Il-Kunsill irċieva lment dwar l-istat ta' Triq Wied Sara. Għandu jsir patching f'din it-triq aktar tard (wara l-istaġun tax-xita).

Fuq il-kwistjoni ta' l-ilma li hemm ħiereġ f'din it-triq, ġew informati il-Korporazzjoni tal-Ilma u s-sezzjoni tad-drenaġġ kif ukoll id-dipartiment tas-sanita. Qed isir testing tal-ilma li hemm ħiereġ għat-triq. Is-sid tal-propjeta li hemm viċin fejn hu ħiereġ l-ilma ser tagħmel testing f'laboratorju privat.

**62.3.03** Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill ta' l-approvazzjoni tiegħu sabiex ikun jista jingħaqad tim tal-futbol fil-lokalita' tal-Għasri. Dan ser jiġi diskuss f' laqgħa tal-GFA.

**62.3.04** Ċirkulari Numru 1/2018 – Inizjattiva – Kors bil-Malti (Livell 5 (MQF): Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti (Certificate in Proofreading Maltese).

**62.3.05** Ċirkulari Numru 2/2018 – Ħatra ta' Direttur, Gvern Lokali – Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy

**62.3.06** Ċirkulari Numru 3/2018 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2017

**62.3.07** Direttiva Numru 3/2017 - Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (Procurement) mill-Kunsilli Lokali

**62.3.08** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Malta Libraries dwar il-ħlas tal-Branch Librarians. Peress li l-librarian tal-Għasri hija mpjegata tal-Kunsill din ser tibda

titħallas mill-Kunsill u l-Kunsill jagħmel invoice lil Malta Libraries tal-ħinijiet li tkun għamlet u tħallset mill-Kunsill.

**62.3.09** Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tad-Direttur (Gvern Lokali, Monitoraġġ u Sapport) tal-appraisal report u performance bonus tas-Segretarja Eżekuttiv kif ġie rrakkomandat mill-Kunsill Lokali għas-sena 2017.

**62.3.10** Il-Kunsill ircieva Ċirkulari AKL 2018/001 Group Health Policy Renewal. Il-Kunsilliera ġew informati dwar assigurazzjoni għall-membri tal-familja.

**62.3.11** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Green MT fejn il-Kunsill ġie nfurmat li b'effett minn 1 ta' Marzu 2018 l-iskema Green Mt ser twaqqaf l-operati kollha li bħalissa qed isir ġewwa l-Għasri. Is-Segretarja Eżekuttiv informat lill-Kunsill li l-kuntratt iffirmat mal-Green MT jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018. Il-Kunsill diġa nforma lid-Direttur għall-Gvern Lokali dwar dan u qed jistenna risposta. Is-Sindku qal biex naraw kunsilli oħra x'ser jagħmlu.

## 62.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**62.4.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

## 62.5 Rapporti:

**62.5.01** Approvazzjoni tal–*Annual Budget 2018.* Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

**62.5.02** Approvazzjoni tal-Business Plan 2018-2020. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

**62.5.03** Ċertifikazzjoni tal-accountant tal-Attivita'- *Traditions: Wine Olive Oil & Honey*. Is-Segretarja Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li biex tirċievi l-fondi mill-iskema tal-Attivitajiet Kulturali hemm bżonn li jsir ċertificazzjoni mill-accountant dwar il-kontijiet u pagamenti li saru mill-Kunsill għal din l-attivita. Ġie ppreżentat iċ-ċertifikat tal-accountant kif ukoll rapport ta' kif intefqu l-flus. Iċ-ċertifikazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill unanimament.

## 62.6 Parking Bay fi Triq Ta' Għammar.

**62.6.01** Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li hu kellu talba mir-residenti viċin il-blokka l-ġdida li ġiet mibnija fi Triq Ta' Għammar biex issir *parking bay* peress li qed ikun hemm ħafna karozzi u mhux ikun hemm biżżejjed spazju għall-parkeġġ. Dan jista jitranġa jekk isiru sinjali tal-parking immejlin. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment. Iżda dan ma jistax isir fil-preżent peress li għad hemm ħafna materjal li qed jintuża biex titlesta l-binja. La darba dan jitneħħa l-Kunsill għandu jinkariga l-perit tal-Kunsill biex jagħmel il-pjanti neċessarji biex japplika mat-Transport Malta.

## 62.7 Manutenzjoni fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

**62.7.01** Bħal issa għaddej xogħol ta' manutenzjoni fl-uffiċċju tal-Kunsill. Dan qed issir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Jidher li hemm xi ħsarat ta' l-ilma fil-ħajt tas-sala tal-laqgħat li ġej mill-propjeta ta' ħdejn il-Kunsill. Il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni ta' dan il-ħsara lis-sid tal-propjeta ta' ħdejn il-Kunsill u jitlob li l-kawża ta' din il-ħsara tiġi irranġata immedjatament. Jekk dan ma jieħux azzjoni għandu jiġi nformat li l-Kunsill ser iżommu responsabbli tal-ħsarat li qed isir fil-propjeta tal-Kunsill minħabba dan l-ilma.

**62.7.02** Ġiet mibnija mill-ġdid il-ġallerija li kienet fil-periklu li taqa. Għandu jitpoġġa madum fuqha mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**62.7.03** Is-Segretarja Eżekuttiv qalet li l-librerija għandha bżonn tikber għaliex saret żgħira għall-ammont ta' kotba u xkafef li fiha. Il-Kunsilliera qablu li din għandha tiġi mkabbra peress li hemm fejn tista tikber.

## 62.8 Xogħol fit-Toroq.

**62.8.01** Is-Segretarja Eżekuttiv informat lill-Kunsill li għad m'hemmx iżjed informazzjoni dwar il-Measure 4.3 Iżda ġiet infurmata li fil-gimgħat li ġejjin ser isir l-iffirmar tal-ftehim. Bħalissa il-Kunsill qed jistenna risposta mingħand il-Korporazzjoni ta' l-Ilma dwar xogħolijiet li hemm bżonn fi Triq Wied l-Għasri u fi Triq il-Ġonna. Qed nistennew ukoll il-permess mingħand l-Awtorita ta' l-Ippjanar biex Triq il-Ġonna tkun tista titwessa.

**62.8.02** Dwar il-proġett ta' toroq mill-Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill irċieva stima mingħand il-Korporazzjoni tal-Ilma għax-xogħolijiet ta' l-ilma li jridu jsiru fit-toroq: Tamar, San Pupulju u Trejqet Dun Gużepp Cassar. Dawn jammontaw għal €36,978. Iżda din hija stima biss u jista jkun li l-ammont jiġi nqas fl-offerta. Is-Sindku qal li dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-korporazzjoni stess u mhux mill-Kunsill. Is-Segretarja Eżekuttiv għandha tkellem lill-Assistant Direttur dwar dan.

## 62.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

**62.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-062 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentatha ġiet aċċettatha mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 62.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss.

**62.10.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. u ġiet aġġornatha għal nhar il-Ħamis 15 ta' Frar fis-7:00 p.m.

Konfermati, illum it-Tlieta 25 ta' Jannar, 2017

| | |
|---|---|
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |